# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta’ nhar l-Erbgha 27 ta’ Jannar 2021

**Rikors Numru : 152/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RA**

**vs**

**MCA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ RA datat 3 ta’ Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ April 1983; kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, KA, li llum huwa maggorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta‘ Lulju 1990 u dan permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel ta‘ istess data (11.07.1990), kopja ta‘ dan il-kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat Dokument B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom mifrudin ghal tletin (30) sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi m’hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet fir-rigward ta‘ manteniment;*

*Illi l-esponent u l-intimata huma t-tnejn domiciljati Malta u t-tnejn li huma kellhom ir-residenza ordinarja taghhom f'Malta matul il-perjodu ta' sena qabel ma saret din it-talba ghad-divorzju;*

*Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha necessarji skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili biex jigi dikjarat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti;*

*Illi l-esponenti jaf bil-fatti kollha suesposti personalment;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara l-hall taz-Zwieg ikkuntrattat bejniethom fit-23 ta' April 1983;*

2. *Tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex entro terminu qasir u perentorju prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju pronunzjat ben il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku fuq l-att taz-zwieg bin-numru 639 li dahal fir-Registru Pubbliku fil-25 ta' April 1983.*

Rat illi l-intimata tat ruhha b'notifikata bl-atti processwali f'seduta stante tal-25 ta' Novembru 2020;

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet a fol 19 tal-process;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RA** xehed (vide fol 20) illi huwa zzewweg lil MCA fit-23 t'April 1983 u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel, illum maggorenni. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 11 ta' Lulju 1990. Zied jghid illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum, il-partijiet qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment huwa ddikjara illi l-manteniment dejjem thallas u ghalhekk ma hemm ebda pendenzi jew manteniment dovut.

**MCA** xehdet (vide fol 22) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' April 1983 bic-certifikat numru 639/1983 (dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg kellhom wild, illum magorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, datat 11 ta' Lulju 1990 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-partijiet ftehmu di piu', a fol 19 tal-process illi: *"li fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm klawsola li tispecifika li l-manteniment dovut lill-intimata MCA jieqaf f'kaz illi tghix ma xi hadd. Ir-rikorrent RA qieghed jiddikjara li qed jirrinunzja ghal tali klawsola u li l-manteniment lejn l-intimata MCA jibqa' dovut hlief biss f'kaz li terga' tizzewweg. Il-partijiet jaqblu wkoll li l-manteniment dovut lill-intimata MCA jibqa' jithallas permezz ta' standing order flimkien ma nofs il-cola skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. F'kaz li r-rikorrenti jinqalalu problema dwar il-metodu tal-hlas, il-partijiet ghandhom jergghu jitkellmu bejniethom."*

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg bic-certifikat numru 639/1983 u tordna lir-Registratur tal-Qrati**

**sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**